MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 736/2007

**Talba Nru: 736/07VGD**

Muscat Imports Limited (C4480)

Vs

Mario Agius (Id. 342454M) u Josephine Sawyer (Id. 688161M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu peress illi l-konvenuti huma solidalment bejniethom debituri tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm327.82, liema somma tirraprezenta, inkwantu ghal Lm182.50 kera mhux imhallsa fuq il-fond bl-isem Inglesina Baby, li jinsab fil-kantuniera bejn Triq

Domenici Cachia u Triq C. Busuttil, B'Kara, u in kwantu ghal Lm145.32 konsum ta' dawl u ilma li sar waqt l-okkupazzjoni taghhom, u peress illi l-konvenuti gew debitament interpellati jhallsu dan l-ammont izda baqghu inadempjenti, ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-2 ta' Frar 2007 u bl-imghaxijiet mill-istess 2 ta' Frar 2007, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Mario Agius fejn ecepixxa (i) illi l-ammont mitlub mill-attur mhux korrett; (ii) l-attur qatt ma bghat l-ircevuti tal-hlasijiet tal-kera ta' qabel alavolja mitluba; (iii) parti mill-kera u l-uzu (in parte) huwa ta' l-attur; (iv) il-kont tad-dawl huwa differenti u ma jaqbilx ma l-originali li ghandu l-konvenut (v) l-arlogg tad-dawl huwa difettuz.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta Josephine Sawyer giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema x-xhieda ta' Franco Muscat prodott mis-socjeta' attrici, u d-dokumenti kollha esebiti minnu.

Ra l-verbal tas-seduta tal-31 ta' Jannar 2008, u l-fatt illi l-kawza giet imhollija ghall-15 ta' Frar 2008 ghall-provi kollha tal-konvenut Mario Agius, u ghas-subizzjoni tal-konvenuta Josephine Sawyer.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta Josephine Sawyer naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra illi l-konvenut Mario Agius naqas milli jidher u jipproduci l-provi tieghu kif ordnat li jaghmel.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu solidalment bejniethom is-somma ta' seba mija, tlieta u sittin Ewro u wiehed u sittin centezmu (€763.61), ekwivalenti ghal Lm327.82c, bl-

imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------